**28 ta' April, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Professur Avukat Dr. Victor Caruana ne.

*versus*

Anthony Ghirlando ne.

**Trade Mark — Reġistrazzjoni — Art. 83 tal-Kap. 48.**

*Ir-reġistrabbilità ta' trade mark għandha tiġi kunsidrata in bażi għal-liġi maltija, anki jekk din il-liġi sa issa għadha ma segwietx il-progress ta' leġislazzjonijiet oħra, partikolarment tal-liġi ngliża.*

*U skond il-liġi maltija, biex kelma jew kliem jistgħu jiġu reġistrati bħala trade mark, jeħtieġ li jissoddisfaw kumulattivament tliet kondizzjonijiet; u ċjoè illi jkunu "distinctive", illi jkunu "fancy words", u illi jkunu mhux "in common use".*

*Fil-każ preżenti, il-kelma "Clairol" ġiet dikjarata mhux reġistrabbli.*

Il-Qorti:— Rat il-petizzjoni tal-Professur Dottor Victor Caruana nomine, li biha talab illi tiġi revokata d-deċiżjoni tal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali kontenuta fl-ittra tiegħu tal-10 ta' Ottubru 1960, li biha rrifjuta r-reġistrazzjoni bħala Trade Mark tal-kelma "Clairol"; u jiġi minflok dikjarat illi l-appellant għandu d-dritt li jottjeni dik ir-reġistrazzjoni; u konsegwentement l-appellat jiġi kundannat li jagħmel dik ir-reġistrazzjoni skond il-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kelma in kwistjoni, ċjoè "Clairol" ma hix, manifes-

tament, "a fancy word" kif, skond il-liġi tagħna, jeħtieġ li tkun biex tista' tkun reġistrabbli. Dik il-kelma mhix ħlief kombinazzjoni fonetika ta' żewġ kelmiet ordinarji ngliżi, "clear all", sempliċement spelluti mod ieħor; u hi ntiża biex tiddeskrivi u fil-fatt tiddeskrivi, proprijetajiet tal-oġġetti li għalihom tirriferixxi, jiġifieri "toilet soaps, non-medicated toilet preparations, essential oils, cosmetics, preparations for the hair, and dentifrices";

Jgħodd għal dan il-każ dak li jingħad fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti dalgħodu stess f'kawża oħra fl-istess ismijiet dwar il-kelma "Clynola", li għalieh issir riferenza;

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.